# Dlonk iskot!

Meta d-dlam jinfirex tebgħa
fuq l-ikħal tas-smewwiet,
… dlonk iskot …
u inżel għarkubbtejk
u sammar ma' l-art widnejk,
u isma' t-tnehid
ta' żrieragħ bla sabar,
u t-tmattir xaħxieħi
ta' l-għeruq jerdgħu
għatxana
mill-benna tat-tira,
u n-nebbieta tberren id-dlamijiet
ta' ġufet l-art …
… U isma' mbagħad il-ħoss,
li dejjem joqrob,
tan-nagħal taż-żiemel abjad
ilebbet rebbieħ … setgħan

*Carmel Calleja*

# ~~Alla bla ħniena~~

~~Harist lejn il-mera,~~
~~U lmaħt jitbissem~~
~~Alla bla ħniena.~~

~~Hassejtu jgħannaqni,~~
~~Stħajjiltni mitluf~~
~~F'nofs l-għalqa ta' l-issa,~~
~~Il-qabel, l-imbagħad,~~
~~Imrikkeb f'karozza~~
~~Mingħajr brejkijiet~~
~~Tiġġerra lejn dalma,~~
~~Abiss bla dawrien.~~

~~Harist lilhinn minnu;~~
~~Iżd' hemm baqgħet dik,~~
~~Ġo rasi, t-tbissima.~~
~~Tirann il-Fantażma~~
~~Li jsajjar u jgħarraq~~
~~Il-ħajja; il-Lupu~~
~~Għal dejjem imġewwaħ.~~

~~Fejn naħrab m'għandix.~~

~~*Norman C. Borg*~~